MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 903/2008

**GO plc (C-22334)**
**Vs**
**Eat Limited (C-34569)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta` Novembru, 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u tnax il-Euro, hamsa u ghoxrin centezmu (Euro712.25c) rapprezentanti valur dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku fuq in-numri 21226585 u 21228870 (account number 40069365) u dana kif jirrizulta mill-annessi prospetti u mmarkati Dok. IZY 1 u Dok. IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet giet debitament notifikata, b'dawn il-proceduri, hija baqghet

ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjha biex tidher ghas-seduta tat-30 ta` Jannar, 2009 hija naqset li taghmel dan.

Ra li wkoll li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma wegbux u anqas ma dehru ghal mistoqsijiet impoggija lilhom in subizzjoni la fis-seduta tat-30 ta` Jannar, 2009 meta gie prezentat il-Kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta ta` llum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess socjeta` konvenuta.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Euro712.25c, bl-imghax legali deorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------